VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,503, 20 ta' Novembru, 2015
Taqsima B

A.L. 371 tal-2015

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Applied Oceanography taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenza bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2014 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Applied Oceanography, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Applied Oceanography, taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza, ippubblikati bħala Avviż Legali 413 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2014 jew wara.

L-Emenda għat-titlu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science in Applied Oceanography – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza"

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2015 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master of Science in Applied Oceanography – M.Sc. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenza.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tax-Xjenza;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji responsabbli għall-amministrazzjoni akkademika u l-organizzazzjoni tal-Kors, maħtur mis-Senat, li għandu jinkludi wkoll żewġ esperti ta' reputazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-programm;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Science in Applied Oceanography – M.Sc.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master of Science in Applied Oceanography – M.Sc.;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Applied Oceanography – P.G. Dip.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad."

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafi (1) u (2) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) Il-Kors huwa miftuħ għall-applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu minn din l-Università fix-Xjenza, fl-Inġinerija, fl-Arkitettura jew fit-Teknoloġija tal-Informazzjoni, jew fi kwalunkwe qasam ieħor meqjus bħala rilevanti mill-Bord.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) F'każijiet eċċezzjonali l-Bord għad-Dħul, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, jista' jħalli jidħlu fil-Kors applikanti li m'għandhomx il-grad ta' Bachelor, sakemm li jkun sodisfatt li dawn l-applikanti għandhom kwalifiki akkademiċi oħra u esperienza li flimkien ikunu meqjusa komparabbli mal-kwalifiki msemmija f'paragrafu (1) ta' dan l-ordinament. Id-dħul tal-applikanti skont dan l-ordinament jista' jkun kondizzjonalment skont ir-riżultati ta' intervista li tkun immexxija minn bord maħtur għal dan il-għan."

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok il-paragrafu (3) tal-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta dettaljata tar-riċerka għandhom ikunu ppreżentati għall-approvazzjoni tal-Bord sat-tmiem tat-tieni semestru."

L-Emenda għall-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali

7. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Is-superviżuri għandhom jibgħatu lill-Bord rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom fit-tmiem ta' kull semestru ta' studji, kemm jekk l-istudent ikun qiegħed isegwi l-Kors fuq bażi *full-time* u kemm jekk *part-time*. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni li jew (a) jittawwal il-perijodu ta' studju biex l-istudent ikun jista' jtemm id-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur jidhirlu li dan huwa xieraq fiċ-ċirkostanzi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent biex jiddefendi l-każ tiegħu."